# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru 27**

**Rikors Numru 709/03 AE**

**Anthony u Marthese konjugi Vidal**

**v.**

**Neil Macklin u Hubert Mugliette in rapprezentanza tas-socjeta` estera OMS Offshore Manning Services (Cyprus) Ltd u b'digriet tat-2 ta' Dicembru 2004 Dr Martin Fenech u P.L. Luisa Tufigno inhatru kuraturi biex jirraprezentaw lis-socjeta` konvenuta**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mill-atturi minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-atturi sabiex il-Qorti: tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-incident li sehh fid-29 ta' Gunju 2002 waqt il-hin tax-xoghol, f'liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu;

tillikwida d-danni sofferti, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma hekk likwidata; bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Il-Fatti**

2. F'Gunju tas-sena 2002 waqt li l-attur kien qed jaghmel xoghol ta' rough-hand fuq rig taz-zejt ghas-socjeta` estera konvenuta, huwa sofra griehi f'subajgh meta fil-process ta' tqeghid ta' flange fuq ohra, subajgh inqaras mill-bolt hekk kif dan dahal f'postu. Jirrizulta li, ghalkemm it-tlett haddiema, l-attur, Martin Rogers u Raymond Cucciardi, li kienu qed jaghmlu din il-bicca tax-xoghol, kellhom disponibbli *spanners*, l-attur u Martin Rogers ma uzawx din l-ghodda izda dahhlu jdejhom biex jiggwidaw il-bolt fil-hofra fejn kellu jidhol.

3. Jirrizulta li, filwaqt li l-haddiem l-iehor hareg idejh fil-pront, ghalkemm l-magna haditlu l-ingwanta, l-attur ma kienx zvelt bizzejjed bir-rizultat li subghajh inqares. It-tielet haddiem, Raymond Cucciardi, li kien qed jahdem f'din l-operazzjoni ma dahhalx idejh izda uza *spanner*.

4. Rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra dizabilita` permanenti ta' 6% kif iccertifikat mill-espert tekniku l-Kirurgu Anthony Bernard.

**Is-Sentenza Appellata**

5. Din qed tigi riprodotta fl-intier taghha u taqra hekk:

> "Permezz ta' citazzjoni prezentata fl-14 ta' Lulju 2003 l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenuta hi responsabbli ghad-danni li sofra

f'incident li sehh **fid-29 ta' Gunju 2002** fuq il-post tax-xoghol, u sabiex il-qorti tillikwida d-danni u tikkundannaha thallsu d-danni. L-attur ippremetta li f'dak iz-zmien kien impjegat mal-kumpannija konvenuta bhala *offshore maintenance helper*. L-attur isostni li ghall-incident hi responsabbli l-konvenuta ghaliex *".... naqset li tiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni."*.

"Min-naha tal-konvenuti qeghdin jikkontestaw it-talbiet ghaliex:-

1. "Ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika mal-attur.
2. "L-attur ma kienx impjegat mal-kumpannija barranija.
3. "L-atturi jahti unikament ghal dak li gara, u f'kull kaz hemm element qawwi ta' negligenza kontributorja.
4. "M'huwiex minnu li l-atturi ghandu xi debilita permanenti li qeghda zzommu 'l boghod mix-xoghol.
5. "L-istess attur rega' gie mpjegat mal-attrici wara li sehh l-incident.

"F'nota tal-eccezzjonijiet ohra prezentata fil-15 ta' Dicembru 2006, il-konvenuta ressqet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Fl-istess att irrepetiet l-istess eccezzjonijiet li nghataw permezz tan-nota tal-eccezzjonijiet li pprezentat fis-26 ta' April 2004.

"Ghalkemm il-konvenuta ssostni li kellha tigi notifikata fl-indirizz ufficjali taghha barra minn Malta (ara nota ta' sottomissjonijiet tat-22 ta' Awwissu 2011), jigi rilevat li:-

i. "Fid-data li giet prezentata l-kawza, Malta ma kenitx membru fl-Unjoni Ewropeja. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda htiega ta' xi notifika fl-ufficcju registrat tal-kumpannija barra minn Malta.
ii. "L-istess konvenuta ma tat l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens, u f'dan l-istadju m'ghandix tithalla tqajjem eccezzjonijiet ta' natura procedurali fin-nota ta' sottomissjonijiet (ara nota tal-eccezzjonijiet prezentata fis-26 ta' April 2004).
iii. "Mill-atti jirrizulta li fis-16 ta' Novembru 2006 saret notifika barra minn Malta lill-konvenuta.
iv. "F'kull kaz il-konvenuta nghatat kull opportunita li tiddefendi ruhha, kif wara kollox jirrizulta li ghamlet mill-atti tal-kawza.

"Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, din ukoll hi minghajr bazi. Il-bazi tal-azzjoni tal-attur hi wahda kuntrattwali. Fil-fatt fic-citazzjoni ppremetta li kien impjegat tal-konvenuta u waqt li kien fil-post tax-xoghol wegga' u sofra debilita permanenti. Hu evidenti li d-danni li qieghed jippretendi huma ta' natura kuntrattwali in kwantu l-principal naqas milli joffri ambjent adegwat ta' sigurta fil-post tax-xoghol. L-Artikolu 2153 qieghed jikkontempla xenarju fejn ma jkunx hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

"Eccezzjoni ohra tal-konvenuta hu li l-attur ma kienx impjegat taghha. Eccezzjoni li l-qorti m'hijiex konvinta dwarha wara li qieset dak li jinghad fl-iskrittura privata datata 21 ta' Jannar 2002. L-intestatura tal-iskrittura hi: ***"Terms & conditions of Employment."***. Il-fatt li fil-kuntratt l-attur jirreferu ghalih bhala "contractor" ma jfissirx li ma kienx impjegat. F'kull kaz irrispettivament minn liema lenti taraha, il-konvenuta bhala l-persuna li kienet qeghda taghmel uzu mis-servizzi tal-attur u li mieghu kellha relazzjoni kuntrattwali, kellha l-obbligu li tizgura li fil-lok fejn kien qieghed isir ix-xoghol ikun hemm is-sigurta mehtiega biex wiehed ikun jista' jahdem minghajr ma jpoggi lilu nnifsu f'periklu. Dan hu obbligu kuntrattwali, u jekk kien hemm xi nuqqas trid twiegeb ghalih il-konvenuta. Kif fil-kuntratt jinghad espressament li *"Particular regard and attention is to be afforded to safety regulations both for his own self as well as with regards to third parties and fellow workers."*, bl-istess mod il-konvenuta kellha obbligu simili minkejja li ma jissemmix espressament fl-istess skrittura.

"Fil-meritu l-qorti kif presjeduta kellha l-opportunita li terga' tisma' lill-attur jixhed fis-7 ta' Ottubru 2011 wara li kien xehed fis-seduta tad-19 ta' Frar 2008. Fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2011 l-attur iddikjara:-

> *"1. Minn Jannar ta' din is-sena beda jahdem bhala driver ma Butterfly Garage tal-Hamrun li hi ditta li tikri l-vetturi.*
> *"2. Qabel dakinhar kien ghadu qieghed jahdem fuq rigs taz-zejt, pero` in-natura tax-xoghol kien differenti minn dak li kellu fi zmien li sehh l-incident.*
> *"3. Fi zmien tal-incident ix-xoghol tieghu kien ta' roughneck fuq rig taz-zejt, in-natura tax-xoghol kien ta' labourer. L-attur isostni li min dakinhar ma setghax jkompli jaghmel dan it-tip ta' xoghol. Zid jispjega li minn xi tlett snin 'l hawn, dan ix-xoghol isir permezz ta' makkinarju (bil-buttuni) u ghalhekk kieku jrid jista' jkompli jaghmel dan ix-xoghol.*
> *"4. Fl-24 ta' Marzu 2011 ghalaq 52 sena.*
> *"5. Bhalissa mhu qieghed jiehu l-ebda kura.*
> *"6. Iddikjara wkoll li l-problema li ghandu hi l-gharaq li johrog miz-zewg pali ta' idejh u s-seba tan-nofs ma jistax jghawwgu kollu (ta' l-id ix-xellugija).*
> *"7. L-attur iddikjara li jikteb u jinnavika b'idu l-leminija."*.

"L-attur spjega kif ix-xoghol ta' roughneck hu meqjus bhala l-iktar xoghol perikluz fuq l-oil rig. Il-qorti fehmet li dawn il-haddiema jkunu kontinwament qeghdin jahdmu f'ambjent ta' periklu. Ovvjament dan il-fatt ma jezonerax lill-principal minn kwalsiasi incident li jsehh fil-post tax-xoghol. Pero` wiehed ghandu jifhem li f'dan it-tip ta' xoghol hu naturali li l-haddiem ikun espost ghall-periklu. Pero b'daqshekk ma jfissirx li l-principal hu responsabbli ghal kull incident li jsehh fuq oil rig u li fih iwegga' haddiem. L-attur iddeskriva wkoll ix-xoghol li kien qieghed isir fil-hin li sehh l-incident. Il-qorti fehemet li kien sar manutenzjoni fuq dak li jissejjah bhala BOP (*Blowout Preventor*), u kienet qeghda terga' tinghaqqad flimkien (rilevanti huma r-ritratti a fol. 108 u 109 li pprezenta

l-attur fis-seduta tad-19 ta' Frar 2008). Il-parti ta' fuq kienet qeghda titnizzel permezz ta' crane biex titqabbad mal-bazi taghha. Il-parti ta' fuq kellha tidhol fil-bolts li jidhru fir-ritratti u fil-kors tal-process tiddahhal skorfina li tigi ssikkata permezz ta' spanner li kien hemm ma' gemb il-haddiema. Jirrizulta li dan hu parti minn xoghol ta' manutenzjoni li jsir regolarment. Il-periklu hu skontat meta jkollok makkinarju tqil li qieghed jiccaqlaq. Jidher li ghal xi raguni Vidal dahhal idejh ix-ellugija fl-ispazju l-vojt li jidher fir-ritratti, u din inqarset bejn il-bolt u l-bazi. Li kieku ma kienx pront l-operatur tal-crane li rega' tella' l-bazi 'l fuq minnufih, il-griehi kienu jkun ferm aghar. Il-verzjoni li ta l-attur fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011 hi kemxejn differenti mill-verzjoni originali: *"jiena ma weggajtx meta kienu qeghdin jitwahhlu l-iskorfini mal-bolts. Weggajt meta konna ghadna qeghdin fil-process li l-flange niezla biex tidhol gol-bolts...... Li gara hu li ma dahlitx kexxun mal-bolts il-flange u jiena tlaqt maghha. Kif gara dan kollu tal-crane mill-ewwel ra x'kien gara u mill-ewwel tella'. Kieku ma sarx hekk jiena ma bqajtx haj ghax kont nitghaffeg."*. Min-naha l-ohra fis-seduta tad-19 ta' Frar 2008 xehed li *"X'hin ghidnielu biex jerfa' naqra hi mhux ser terga' tinqala' 'l barra ghax ghandek il-boldijiet imqabbdin tan-naha l-ohra. Kien baqa' bold iehor, idejja marret biex taghmel l-iskorfina u qabadni maz-zaqq."*. Inoltre fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011 qal li kien zelaq, filwaqt li dan il-fatt ma ssemmiex meta xehed l-ewwel darba.

"Mid-deposizzjoni li ta l-attur l-ewwel darba li xehed irrizulta li:-

i. "Meta sehh l-incident kien ilu hmistax-il sena jaghmel dan ix-xoghol.
ii. "L-haddiema, inkluz hu, li kienu qeghdin jaghmlu din il-bicca xoghol kienu vverifikaw li kollox kien sew. Qal li l-incident sehh *'split of a second'* li hadd ma jistenniha.
iii. "Ma kienx hemm difett fl-apparat li kien qieghed jigi mcaqqlaq mill-crane fil-hin li sehh l-incident.
iv. "*'Idejja jiena kif u mhux marret qabadni l-bold ma nafx ezatt ghax waqt li kienet niezla idejja baqghu fejn kienu'* (fol. 124). Pero wara qal:*'Kien baqa' bold iehor, idejja marret biex naghmel l-iskorfina u qabadni maz-zaqq.'*. F'dan ir-rigward il-qorti tara inkonsistenza fil-verzjoni tal-attur.
v. "Meta l-operatur tal-crane kien qieghed inizzel il-parti ta' fuq tal-makkinarju li mieghu wegga' l-attur, inghata l-all clear minn kullhadd.

"Il-qorti qeghda tifhem li din kienet manuvra regolari li ssir fuq ir-rig taz-zejt. Mill-provi li tressqu l-qorti m'hijiex moralment konvinta li tista' tikkonkludi li l-principal ghandu responsabbilta'. L-attur kien persuna li kellu snin twal ta' esperjenza. Jirrizulta li kullhadd kien preparat ghal dak li kellu jsir, u kien hemm persuna li qeghda taghmel is-supervizjoni u taghti l-istruzzjonijiet. Jidher ukoll li kullhadd kien qieghed jifhem x'qed isir, u kull wiehed mill-impjegati ta l-*all clear* mumenti qabel sehh l-incident. L-azzjoni tal-attur hi bazata fuq il-premessa li l-konvenuta hi responsabbli ghaliex *"..... naqset li tiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni."*. Min

jallega jrid jipprova u l-qorti ma tistax titlaq minn prezunzjoni li l-incident sehh tort tal-konvenuta."

**L-Appell**

6. Dan jirrigwardja l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Fir-rikors tal-appell tieghu l-attur jissenjala fatturi li kellhom jittiehdu, izda li ma ttiehdux, in konsiderazzjoni minn dik il-Qorti. Ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti, ghar-ragunijiet esposti fir-rikors tieghu, tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet kollha tieghu; bl-ispejjez.

7. Min-naha taghha s-socjeta` konvenuta qed titlob li, ghar-ragunijiet minnha indikati fir-risposta taghha, l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**L-Aggravju**

8. Dan l-aggravju huwa maqsum fi tlett partijiet.

9. Fl-ewwel parti l-atturi jghidu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta kkomparat bil-"punto e virgola" dak li xehed l-attur fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011 mal-verzjoni moghtija minnu fis-19 ta' Frar 2008. Jilmentaw ukoll li, wara l-gheluq tal-provi u l-

prezentata tan-noti tal-osservazzjonijiet, il-Qorti *ex officio* talbet li l-attur jerga' jiddeponi qabel ma tghaddi ghas-sentenza.

10. F'dan l-istadju huwa opportun li jinghad li, wara li x-xhieda instemghu *viva voce* mill-Qorti mmexxija mill-Imhallef Giannino Caruana Demajo, jidher li sar tibdil fl-assenjazzjoni tal-kawza u l-kawza odjerna giet assenjata lill-Imhallef Anthony Ellul u dan meta l-kawza kienet waslet fl-istadju finali taghha tant li fl-udjenza tad-9 ta' Gunju 2011 il-partijiet rapprezentati mid-difensuri taghhom qablu li l-kawza tigi differita ghas-sentenza bl-awtorizzazzjoni li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet.

11. Jidher pero` li l-Qorti kif presjeduta mill-Imhallef Anthony Ellul hasset li kellha tisma' lill-attur hi u ghalhekk fl-udjenza tas-16 ta' Settembru 2011 irregistrat is-segwenti verbal: "tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza peress li [il-Qorti] trid taghmel domandi lil Anthony Vidal, b'referenza ghal dak li xehed fis-19 ta' Frar 2008 sabiex b'hekk tkun tista' tifhem ahjar id-dinamika tal-incident"[1]. L-attur li kien prezenti ghal dik l-ujdenza flimkien mad-difensur tieghu ma qajmu ebda ilment fir-rigward.

12. Huwa kompla jispjega hekk din il-parti tal-aggravju:

[1] Fol.147

"..il-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta b'kull rispett lejn id-decizjoni meta hi qaghdet tikkompara xhieda li ta l-istess appellant fid-19 ta' Frar 2008 ta' kif saret id-dinamika ta' l-istess incident u x-xhieda li talbet l-istess Qorti li terga' tisma' u dina wara li kienu diga' gew intavolati n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, wara li naghlqu l-provi kollha tal-partijiet u li l-kawza kienet giet imhollija ghas-sentenza. Illi l-Qorti *ex officio* talbet illi taghmel domandi hi lill-appellanti u dan fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011 meta l-appellanti jerga' jipprova jaghti d-dinamika ta' l-incident disa' snin wara l-istess incident. Hawnhekk il-Qorti qaghdet bil-*punto e virgola* tikkompara kif qed jaghti l-verzjoni llum u kif ta l-verzjoni tieghu snin qabel. Dan qed jinghad peress li fid-decide taghha hija irrimarkat, *"Il-verzjoni li ta l-attur fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011 hi kemmxejn differenti mill-verzjoni originali: jiena ma weggajtx meta kienu qeghdin jitwahhlu l-iskorfini mal-bolts. Weggajt meta konna ghadna qeghdin fil-process li l-flange niezla biex tidhol fil-bolts... Li gara hi li ma dahlitx kexxun mal-bolts il-flange u jiena tlaqt maghha. Kif gara dan kollu l-crane mill-ewwel ra x'kien gara u mill-ewwel tella'……*Min-naha l-ohra fis-seduta tad-19 ta' Frar 2008 xehed li *"X'hin ghidnielu biex jerfa' naqra hi mhux ser terga' tinqala' 'l barra ghax ghandek il-boldijiet imqabbdin tan-naha l-ohra. Kien baqa' bolt iehor, idejja marret biex taghmel l-iskorfina u qabadi maz-zaqq.' Inoltre fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011 qal li kien zelaq, filwaqt li dan il-fatt ma ssemmiex meta xehed l-ewwel darba."* Illi anke hawn il-Qorti kienet skorretta ghaliex l-appellanti wegga' fuq il-post tax-xoghol, u ghalhekk dan huwa l-punt kardinali li l-Qorti kellha tezamina u mhux id-dettal ta' persuna normali li snin wara tista' titlef ir-rakkont preciz ta' kif graw l-affarijiet waqt li gewwa fuq il-post tax-xoghol l-appellant. L-appellant wegga' u wegga' sew. Dan il-fatt ma hux ribattut fl-ebda punt mid-decide, anzi l-Qorti lanqas ezaminat x'qal xhud principali li qieghed prezenti fuq il-post tax-xoghol meta sar l-incident. Dan l-ewwel Qorti lanqas biss tirreferi ghal dan ix-xhud meta dan ix-xhud ……. Illi jidher car li dak in-nhar gara xi haga mhux tas-soltu fuq ir-rig taz-zejt u dan ghax waqt l-istess incident kien wegga' persuna ta' nazzjonalita` Ingliza wkoll, u li anke hawnhekk l-ewwel Qorti skartat milli taghmel ir-referenza taghha."[2]

13. Fit-tieni parti tal-aggravju l-atturi jilmentaw li ma kienx hemm supervizjoni fuq il-post tax-xoghol u kien jinkombi fuq is-socjeta`

[2] Sottolinear ta'din il-Qorti

konvenuta li tassigura li x-xoghol li kien qed isir, li kien xoghol li jinvolvi grad ta' periklu, isir bl-kawteli necessarji. Jghidu:

> "Is-sur Raymond Cucciardi jghid li kien ser juza jdejh, izda fil-fatt uza l-ghodda provduti ghalihom. Ghalhekk jirrizulta li minkejja li kellhom l-ghodda provduta biex jaghmlu xoghol, hadd ma kien qed jissorvelja lill-impjegati biex ma jintuzawx l-idejn u dan huwa nuqqas kbir da parti tas-socjeta` konvenuta li l-ewwel Qorti ghazlet li tinjora kompletament. Anzi kienet zbaljata meta qalet fl-ahhar pagna tas-sentenza taghha li 'kien hemm persuna li qeghda taghmel is-supervizjoni u taghti l-istruzzjonijiet' kieku sar hekk l-incident ma kienx isir.."[3]

14. Ikomplu jsostnu li l-fatt li l-attur kellu snin twal ta' esperjenza ma jezonerax lill-konvenuta mir-responsabbilita` taghha bhala employer li taghmel is-supervizjoni mehtiega. "L-attur appellat dejjem segwa l-procedura kif ghandha ssir u bl-ebda mod ma ddevja minn dik li qalulu s-superjuri tieghu..".

15. Fit-tielet parti tal-aggravju taghhom, l-atturi jghidu li huma ma jaqblux mal-hsieb tal-ewwel Qorti li ladarba l-impjegati l-ohra, inkluz l-attur, taw l-*"all clear*" allura jfisser li l-attur kien negligenti. Huma komplew jispjegaw dan l-aggravju taghhom hekk:

> "..... Dan pero` kellu jittiehed fil-kuntest u dan peress li anke l-istess xhud Raymond Cucciardi jghid li l-*all clear* dejjem jinghata u ghandu jinghata waqt li kulhadd ghad ghandu idejh appoggjati fuq il-makkinarju in kwistjoni u ma tistax tkun mod iehor. Anzi l-appellant dejjem kien konxju tal-perikli relatati ma' dan it-tip ta' xoghol tant li kien irrimarka hu stess mas-Sur Raymond Cucciardi li l-makkinarju tista' taqbad l-id, izda wiehed jifhem li dak in-nhar gara xi haga mhux tas-soltu ghax anke persuna ohra kienet wegghet kif diga' gie rimarkat."

---

[3] Sottolinear ta' din il-Qorti

16. Min-naha taghhom il-konvenuti jirribattu billi fl-ewwel lok jghidu li din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux fil-kaz ta' zball manifest li jista' jwassal sabiex parti jew ohra ssofri ingustizzja. Fit-tieni lok huma jirreferu ghar-rapport investigattiv li sar wara dan l-incident fejn irrizulta li l-incident sehh unikament tort tal-attur "stante li wara li gew segwiti l-proceduri kollha soliti u nghatat l-*all clearance* ghal diversi drabi, l-istess appellant ghal raguni inspjegabbli kif del resto ammess minnu stess, rega' dahhal idejh fejn ma kellux idahhalha."

17. Jghidu wkoll li l-attur kien jaf sewwa l-proceduri adoperati fuq ir-rigs taz-zejt stante li kellu esperjenza ta' circa 15-il sena fuq dan it-tip ta' xoghol. Inoltre gie pruvat li l-haddiema kellhom ghad-dispozizzjoni l-ghodda u *s-safety equipment* kollu necessarju biex jahdmu, u dan oltre t-tahrig li jinghataw perjodikament.

18. Isostnu li ma ngabet ebda prova dwar x'kien in-nuqqas li ghandha tehel ghalih is-socjeta` konvenuta, lanqas hemm allegazzjoni ta' x'jista' jkun in-nuqqas da parti tal-istess socjeta`.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

19. L-ewwel parti tal-aggravju hu dirett lejn il-fatt li l-ewwel Qorti hasset li, minkejja li l-istadju tal-provi kien gja` dikjarat maghluq u n-noti ta' sottomissjonijiet kienu gia` prezentati, ordnat *ex officio* li l-attur jerga'

jiddeponi. Inoltre l-atturi jilmentaw li f'dawn ic-cirkostanzi, tenut kont tat-trapass taz-zmien bejn meta l-attur kien ta x-xhieda tieghu l-ewwel darba quddiem il-Qorti diversament presjeduta u d-depozizzjoni tieghu circa disa' snin wara l-incident, il-Qorti ma kellhiex taghmel paragun bil-*"punto e virgola"* bejn dawn iz-zewg dispozizzjonijiet.

20. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li l-ordni, moghtija mill-qorti li kienet ser taghti s-sentenza, kienet konformi mal-amministrazzjoni korretta tal-gustizzja. L-ewwel Qorti, li ma kienitx semghet l-ewwel depozizzjoni, kienet proceduralment korretta meta talbet li l-attur jerga' jiddeponi sabiex hi tkun f'pozizzjoni ahjar biex tifforma l-gudizzju taghha.

21. Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li l-paragun bejn id-depozizzjonijiet tax-xhieda huwa parti essenzjali fl-ezercizju tal-apprezzament tal-provi minn qorti gudikanti, *multo magis* fejn id-depozizzjonijiet ikunu tal-istess xhud.

22. Fit-tielet lok, il-punt rilevat mill-ewwel Qorti dwar l-inkonsistenza fil-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur fiz-zewg depozizzjonijiet m'huwiex tfettieq fil-provi izda huwa punt relevanti stante li jittratta parti essenzjali tal-incident u b'mod specifiku r-raguni li wasslet jew ikkontribwiet sostanzjalment ghall-incident *de quo*. Filwaqt li fl-ewwel depozizzjoni tieghu l-attur jghid li hu kien dahhal idu sabiex iqabbad l-bolt mal-kamin

u ma kienx pront bizzejjed biex nehha idu, fit-tieni depozizzjoni tieghu jghid li hu kien zelaq. Fi kliemu "Il-flange kif ghidt ma dahlitx fil-bolts, zlaqt u jiena ma nafx kif sibt idejja gewwa fejn hemm il-bolts.,"[4]

23. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li l-fatt allegat mill-attur li fil-hin tal-incident huwa zelaq m'huwiex xi dettal incidentali kif qed isostni l-attur fis-sottomissjoni tieghu izda huwa fattur ferm sinifikanti li jaghti spjegazzjoni ta' kif sar l-incident, liema spjegazzjoni hija differenti mill-verzjoni moghtija mill-attur fl-ewwel depozizzjoni tieghu. Dan huwa fattur tant relevanti li, jghaddi kemm jghaddi zmien, l-attur ma kellux jinsieh jew jinsa' jsemmih fix-xhieda ezawrenti li kien ta fl-ewwel verzjoni tieghu. Ghalhekk l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti maghmula f'dan ir-rigward hija flokha.

24. Fl-istess parti tal-aggravju l-attur jilmenta li l-Qorti "lanqas ezaminat x'qal xhud principali li qieghed [*recte*:kien] prezenti fuq il-post tax-xoghol meta sar l-incident." Hawnekk l-attur qed jirreferi ghal Raymond Cucciardi wiehed mit-tlett haddiema li kienu imdawwrin mal-flange.

25. In propozitu din il-Qorti taghmel zewg osservazzjonijiet. L-ewwel nett il-Qorti mhijex tenuta li fis-sentenza tindika x-xhieda kollha li xhedu

---

[4] Fol-151

fil-kawza, izda l-kompitu tal-qorti hu li, wara li tezamina l-provi kollha, inkluzi d-depozizzjonijiet tax-xhieda, tasal ghal decizjoni li tkun motivata. Ghalhekk il-fatt li dan ix-xhud ma ssemmiex fis-sentenza ma jfissirx li l-ewwel Qorti ma qratx jew injorat id-depozizzjoni tieghu.

26. Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li minn qari tad-depozizzjoni ta' dan ix-xhud tohrog cara n-negligenza grassa tal-attur waqt li kienet qed issir l-operazzjoni. Dan ix-xhud jkkonferma li qabel ma sehh l-incident huwa kien qal lill-attur biex ma jdahhalx idu bejn il-flanges u l-attur kien wiegbu li kien jaf. Fi kliem ix-xhud:

> "..x'hin hrigna, jigifieri, fhemtu x'ridna naghmlu. Hrigna u ghidtlu lil Tony Vidal 'oqghod attent issa ghax jista' jaqbadlek idejk'. Qalli 'all right naf'. Bdejna nitkellmu qabel ix-xoghol,….jigifrieri kulhadd qalilna."[5]

27. Ix-xhud[6] ikkonferma wkoll li qabel ma sar l-incident, l-*all clear* lill-*crane operator* kienet inghatat mit-tlett haddiema separatament, inkluz l-attur. Jghid ukoll li, filwaqt li z-zewg haddiema l-ohra kienu dahhlu jdejhom, huwa kien uza l-ispanner u ghalhekk ma kienx fil-periklu.

28. Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju hija infondata.

29. Fit-tieni parti tal-aggravju tieghu l-attur jghid li "minkejja li [it-tlett haddiema] kellhom ghodda provduta biex jaghmlu x-xoghol, hadd ma

[5] Fol. 163
[6] Fol. 168

kien qed jissorvelja lil-impjegati biex ma jintuzawx idejn u [dan] huwa nuqqas kbir da parti tas-socjeta` konvenuta." Isostni li hu "dejjem segwa l-procedura kif ghandha ssir u bl-ebda mod ma ddevja minn dak li qalulu s-superjuri tieghu."

30. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li ma rrizultax mill-provi li l-attur segwa l-procedura li qalulu s-superjuri tieghu, anzi mill-provi rrizulta li qabel ma bdew ix-xoghol Raymond Cucciardi kien gibidlu l-attenzjoni biex ma jdahhalx idu bejn il-flanges, u l-attur wiegbu li kien jaf. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti kull tentattiv da parti tal-attur sabiex jeskolpa ruhu minn negligenza grassa tieghu huwa fjakk ghall-ahhar u jmur kontra dak li irrizulta manifest mill-provi.

31. Izda fir-rigward tan-nuqqas ta' supervizjoni, din il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ghandu ragun. Jirrizulta li mit-tlett haddiema li kienu qed jahdmu fuq dik il-bicca xoghol wiehed biss uza l-ispanners, filwaqt li z-zewg haddiema l-ohra uzaw idejhom, u dan, wara li lill-*crane operator* it-tlett haddiema separatament, inkluz l-attur, tawh l-*all clear*. Il-Qorti tifhem li kieku kien hemm supervizjoni adegwata, min ikun qed jaghmel supervizjoni fuq ix-xoghol kien jinduna, jew kellu jinduna, li wara li nghatat l-*all clear* l-attur u Martin Rogers kienu dahhlu jdejhom bejn il-flangi u allura s-supervisor kellu jwaqqaf ix-xoghol fil-pront.

32. Supervizjoni ma tfissirx biss li taghti l-istruzzjonijiet lill-haddiema ta' kif ghandu jsir ix-xoghol, jew li tassigura li x-xoghol ikun qed isir tajjeb, izda tifisser wkoll li tassigura li hadd mill-haddiema ma jithalla jaghmel xi gest inkonsult b'mod li jpoggi f'riskju l-inkolumita` tieghu. Din il-Qorti tirribadixxi li min ihaddem ghandu jipprovdi sorveljanza adegwata biex l-ambjent tax-xoghol jinzamm dejjem u, kemm ic-cirkostanzi jippermettu, *safe*, b'mod li dak l-ambjent bl-ebda mod m'ghandu jkun konducenti, anke potenzjalment ghal incidenti. Sorveljanza adegwata tinkludi dik li tipprovdi ghal certu nuqqasijiet tal-haddiema li ta' sikwit ikollhom tendenza minhabba familjarita` zejda max-xoghol li jittraskuraw riskji inerenti fix-xoghol taghhom". *[App.S. Joseph Cini vs George Wells, deciz 15 Novembru2004; App.S 3 Joseph Caruana vs Philip Chircop, deciza 24 April 2015]*.

33. Konformament mal-premess il-fatt li l-haddiema kellhom l-ghodda u s-*safety equipment* necessarju m'huwiex bizzejjed sabiex jeskolpa lill-konvenuti mill-htija, ghax ma' dan hemm l-obbligu ta' min ihaddem li jassigura li l-haddiema inkarigati minnhom jaghmlu l-uzu proprju minn dak provdut lilhom.

34. Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju hija fondata u, ghalkemm mhux f'proporzjon ugwali mal-attur, anke socjeta` konvenuta ghandha ggorr parti mir-responsabbilita` ghall-akkadut.

35. Rigward l-ispartizzjoni tar-responsabbilita` din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-attur kellu circa 15-il sena esperjenza ta' xoghol fuq ir-rigs, il-fatt li l-attur kien jaf u kien ukoll avzat minn haddiem iehor bil-periklu li kien jinvolvi dak ix-xoghol li kien ser isir, partikolarment sabiex ma jdahhalx idu bejn il-flanges, il-fatt li l-attur irrispondih li huwa dan kien jafu, il-fatt li l-attur dahhal idu wara li kien diga' ta l-*all clear* lill-crane operator, il-fatt li l-attur kien inghata *on the job training* skont is-solita procedura[7], dawn huma fatturi li jattiraw responsabbilita` qawwija fil-konfront tal-attur ghall-incident li sehh, u allura din il-Qorti hi tal-fehema li, filwaqt li s-socjeta` konvenuta ghandha ggorr wiehed minn erbgha [$^1/_4$] mir-responsabbilita` ghall-akkadut, ir-rimanenti tlieta minn erbgha [$^3/_4$] ghandha tingarr mill-attur.

36. Tenut kont li din il-kawza tirrizali ghas-sena 2003 din il-Qorti ma tikkonsidrax opportun li tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi dwar il-likwidazzjoni tad-danni, u ghalhekk f'dan il-gudizzju ser tghaddi biex titratta u tiddeciedi wkoll fuq din it-talba.

37. Mill-provi jirrizulta li qabel ma sehh l-incident l-attur mix-xoghol tieghu bhala rough-neck kellu paga ta' LM882 fix-xahar li dam jehodha sa xahar wara l-incident.[8] F'Settembru l-progett li kienet thaddem il-

[7] Dep. David Mugliette – Fol. 145.
[8] Fol. 29.

kumpanija Offshore Manning Services [“Offshore”] spicca peress li r-rig ntbaghat lejn l-Afrika fejn il-mano d’opera huwa irhas. Sadanittant lill-attur riedu jibqghu jzommuh maghhom peress li kellu 15-il sena esperjenza fuq ir-rig, u ghalhekk sena u tlett xhur wara l-incident sabulu xoghol ta’ rest-about b’paga anqas. L-attur ma setghax ikompli jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel qabel peress li r-rig kien intbaghat lejn l-Afrika u l-kumpanija pprovat ssib xoghol lill-haddiema taghha. Sussegwentement l-attur intbaghat jahdem fuq rig b’makkinarju awtomatiku.[9]

38. Skont ix-xhieda ta’ David Mugliette, ikkonfermata wkoll mill-attur, il-kumpanija hallset l-ispejjez medici kollha kemm dawk tal-isptarijiet fid-Danimarka kif ukoll dawk f’Malta. L-attur jghid li f’Malta kien ihallas l-ispejjez hu mbaghad jurihom ir-ricevuta u l-ispejjez jigu rifuzi lilu mill-kumpanija Offshore Manning Services.

39. Ghall-finijiet tal-ezami odjern din il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li l-attur waqaf mix-xoghol f’Settembru minhabba d-dizabilita` li sofra, izda ghax il-kuntratt li kellha l-kumpanija kien spicca. Ghalhekk huwa dam ma jahdimx sena u tlett xhur. Wara dan il-perjodu huwa rega’ beda jahdem mal-istess kumpanija bhala rest-about b’paga inferjuri, izda dan ma kienx dovut minhabba d-dizabilita` li sofra, izda

[9] Vide Xhieda David Mugliette u Hubert Mugliette – Foll.144 et seq u Foll.178 et seq.

ghax dan kien ix-xoghol disponibbli li l-kumpanija Offshore setghet toffri lin-nies li tingagga. Inoltre, jirrizulta mix-xhieda tal-istess attur li l-Bord Mediku f'Malta kien sabu tajjeb ghax-xoghol[10].

40. Mill-banda l-ohra pero` ma jistax jigi injorat li fil-perjodu ta' sena u nofs li l-attur kien bla xoghol qabel ma rega' gie ingaggjat ma' l-istess kumpanija, l-opportunitajiet tieghu li jsib u jahdem xoghol ta' certu strapazz u jdahhal introjtu kienu naqsu minhabba d-dizabilita` li kellu. Dan japplika wkoll ghall-futur. Ghaldaqstant din il-Qorti qed tillikwida ammont *arbitrio boni viri* biex jirrifletti d-danni li sofra minhabba id-dizabilita` kemm fil-perjodu ta' sena u tlett xhur kif ukoll ghal quddiem fl-ammont ta' €4,000 li minnhom il-kumpaniji konvenuti ghandhom jhallsu lill-attur is-somma ta' €1,000 rapprezentanti s-sehem taghhom ghar-responsabbilita` ghall-incident.

41. Ghaldaqstant u fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet prezenti dan l-aggravju qed jigi milqugh.

## **Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti cahdet it-

---

[10] Fol.117

talbiet tal-attur, u, minflok, tiddikjara li ghall-incident *de quo* jahti primarjament l-attur fi proporzjoni ta' tlett kwarti [$^{3}/_{4}$] u sussidjarjament is-socjeta` konvenuta fi proporzon ta' kwart [$^{1}/_{4}$], tillikwida d-danni dovuti minn dawn lill-atturi fl-ammont ta' elf euro [€1,000] u tordna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-atturi dan l-ammont bl-imghax annwali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' dan il-gudizzju sad-data tal-pagament effettiv; tikkonferma s-sentenza ghall-bqija.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appell odjern ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet fil-proporzjonijiet fuq indikati, u cioe` kwart [$^{1}/_{4}$] mis-socjeta` konvenuta u tlett kwarti [$^{3}/_{4}$] mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df